# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 15 ta' Mejju 2002**

**Avviz. numru 871/95**

**Numru 21**

**Lawrence u Catherine konjugi Saliba**

**vs**

**Anthony u Helen konjugi Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu il-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess atturi s-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) rapprezentanti hsarat u danni sofferti fil-vettura ta' l-atturi bin-numru ta' registrazzjoni F-4527, liema hsara giet volontarjament kawzata mill-konvenuti bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Bl-ispejjes. Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 6 tal-atti) u li biha eccepew:

1. Illi l-esponenti jikkontestaw t-talbiet attrici u ghalhekk l-istess ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in vista tal-fatt li huma ma jahtux ghad-danni allegatament sofferti mill-atturi, ukoll il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 62 u 63 tal-istess atti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, kif risultanti mill-atti in esami gew prodotti, biss, provi da parti tal-atturi u dan, kif ser jinghad:-

a) <u>L-attur, Lawrence Saliba</u> spjega (fol 15 et tal-istess atti) illi, fl-20 ta' Dicembru 1994, hu impjegat fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta kien ipparkegga l-karozza tieghu, tal-marka Skoda Favorit numru F-4527, fl-area tal-parkegg tal-istess ajruport. Fl-istess gurnata, hu qal li waqt il-karozza tieghu kienet fl-istess parkegg,

kienet giet kagunata hsara fuq l-istess karozza minghajr ma kien ra l-istess hsara qed tigi kagunata. Difatti meta kien skopra l-istess danni, hu kien mar jaghmel rapport lill-Pulizija. Inoltre hu kien talab il-permess sabiex jkun jista jara l-filmat ta' dak li gara lill-persuni inkarigati mis-sigurta fl-istess ajruport, liema permess kien inghata lilu. Hawnhekk hu xehed dwar x'kien ra waqt li qed jara dan il-filmat mehudin mis-"security cameras" li kienu jkopru l-lokalita tal-incident. Filfatt hu qal li kien ra fuq l-istess filmat karozza tal-marka "Mitsubishi" minn fejn harget mara ossija mart il-konvenut, Helen Cassar. Din marret vicin il-karozza tieghu u harset lejn il-licenzja u regghet marret vicin il-karozza tal-marka Mitsubishi. Wara li din il-karozza "saqet il-boghod", mart il-konvenut "bdiet ghaddejja b'idejha n-naha tal-genb tal-karozza (tal-attur) u ghaddiet minn hemm diversi drabi" u "… Wara li ghadda dan ir-ragel (b'umbrella) regghet bdiet ghaddejja b'idejha fil-genb ta' din il-karozza" (tal-attur). Wara li ra dan il-filmat hu kien mar u informa lill-Pulizija dwar dak li kien ra fuq l-istess filmat u kif hawn fuq irrakontat minnu. In rigward il-hsarat hekk kagunati hu esebixxa erba' (4) ritratti tal-istess danni (fol 10 ibid) kif ukoll l-ammont ta' danni involuti kif murija fuq l-ircevuta a fol 11 ibid.

b) <u>L-Ispettur Victor Gauci</u> (fol 24 et seq ibid) li spjega l-investigazzjonijiet li saru dwar dan il-kaz u l-esitu ta' dawn. Hu semma li meta kien tkellem mal-konvenuti u dawn kienu rilaxxaw stqarrija bil-miktub (mhix esebita f'dawn l-atti), huma kienu stqarru mieghu "…. dak in-nhar kienu hemmhekk fil-post tal-incident biss kienu hemm ghal affarijiet ohra" waqt li innegaw li kienu ghamlu il-hsara in esami. Inoltre hu kien ra fuq l-imsemmi filmat ossija "video", "lil Cassar il-mara li kienet qed titlajja mal-karozza …." u "… hija deher (et) iddur mal-karozza tal-attur imbaghad meta rajnieh fil-presenza tal-Magistrat dan la jien u anqas il-Magistrat u l-avukat ma deher xejn". Inoltre hu testwalment kienu ikkonkluda x-xhieda tieghu billi qal, in kontro esami, mistoqsi x'movimenti kont rajt lill-mara ta' Cassar taghmel una volta li nizlet mill-vettura nirrispondi li jiena ma kontx rajtha taghmel hsarat jew taghti daqqiet lill-karozza"

c) <u>Lawrence Coleiro</u> (fol 33 u 34 ibid) ex fizzjal tal-Pulizija spjega li, waqt l-istess investigazzjoonijiet kien ra fuq il-filmat imsemmi n-<u>numru</u> tal-karozza involuta f'dan il-kaz u li fuqha kienet riekba l-mara li aktarx akkagunat il-hsarat fuq il-karozza tal-atturi. Difatti hu kien baghat ghal "proprjetarju" tal-istess karozza wara li identifikjah a basi tal-istess numru cioe l-konvenut odjern.

d) Mario Cuomo (fol 46 et seq ibid) esebixxa vera kopja, mill-original, tal-istess filmat ossija video flimkien ma spjegazzjoni tal-istess filmat. (In rigward l-istess "video" ara fol 60 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-attur, fl-istess xhieda tieghu, kien specifika illi l-konvenuti huma girien tal-istess atturi u, bejniethom kien hemm pendenti diversi kwistjonijiet fosthom fuq opramorta u illi l-istess konvenut hu impjegat mal-kumpanija tal-ajru "AirMalta".

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, wara li rat:-

a) illi hawnhekk, trattasi ta' "dolo" fil-kamp civili, din il-Qorti kellha tara jekk l-atturi irnexxielhomx jipprovaw fuq basi ta' probabilta, jekk il-konvenuti kkomettewx dak li gie addebitat lilhom.

b) Stante li ma kienx rikjest dak mehtieg fil-kamp kriminali ossija "proof beyond a reasonable doubt" il-Qorti rat jekk hux probabbli li l-konvenuti, volontarjament , ikkagunaw hsara fil-vettura tal-atturi.

c) Dan premess jidher li, taht din il-lenti, il-provi prodotti huma sufficjenti sabiex jigi konkluz li l-konvenuti kkagunaw tali hsara

tenut kont illi ma giet prodotta ebda prova da parti minn dawn sabiex tikkontrobatti dak risultanti mill-provi prodotti mill-atturi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-ammont ta' danni specifikat fl-avviz ma giex kontestat.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talba attrici kif dedotta mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta' Lm200 bl-imghaxijiet legali mid-19 ta' Settembru 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

Alan Calleja
Deputat Registratur